**Fond favur il-benessere tat-Tfal**




Fl-1991 il-Bank Ċentrali ta' Malta ħa sehem fi programm internazzjonali ta' ħruġ ta' muniti li l-għan ewlieni tiegħu kien li jipprovdi flus għall-ġid ta' sehem mill-Komunita' internazzjonali. Wiċċ il-munita fih l-Arma ta' Malta, filwaqt li l-irġejjen juri tlitt itfal jilagħbu dik il-logħba komuni u sempliċi magħrufa bħala "Cat", li fiha l-"qattus" jiġri wara l-"ġrieden" u jaqbadhom billi jmisshom b'idejh. Il-munita għandha valur nominali ta' Lm5 u nħadmet ir-Royal Mint. Kemm id-disinn kif ukoll it-tifsila tal-munita huma xogħol in-naqqax Malti s-Sur Noel Galea Bason.

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda "Proof" | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 4,000 |